# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## INTERPRETAZZJONI NRU. 2

## TA' DECIZJONI NRU. 943

KAZ NRU. 1111

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin

u

De La Rue Currency and Security Print Ltd

dwar ingustizzji li qed isofru Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista

Data : 22 t'Ottubru, 1998

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

**Membri : Is-Sur Alfred Buhagiar**
**Is-Sur Joseph G. Vassallo**

1. B'ittra datata l-1 ta' Settembru, 1998 it-Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin talbet lit-Tribunal li jaghti interpretazzjoni ta' l-ahhar paragrafu ta' Decizjoni Nru. 943. Kuntrarjament ghal dak li issostni l-kumpanija, il-fehma tal-Union hi li s-sahra li ssir in konnessjoni ma' xoghol ta' skorta, kemm lokali u kemm barra minn Malta, u

wkoll kull sahra ohra mahduma, ghandha tigi maghduda bhala parti mis-sahra totali ghall-fini ta' tqassim ekwu bejn is-Security Guards kollha.

2. Fi twegiba datata d-29 ta' Settembru 1998 il-kumpanija :

a) eccepixxiet li l-paragrafu msemmi mill-Union mhux parti mid-Decizjoni tat-Tribunal ghax dan esprima desiderju u mhux iddecieda fuq kwistjoni li ma kenitx integrali ghat-tilwima; u

b) li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni, hi qed topera sistema li kemm jista' jkun twassal ghall-aspirazzjonijiet tat-Tribunal billi jeskludi biss mill-"equation" is-sahra li tinhadem waqt doveri ta' skorta.

3. F'seduta li saret fis-16 t'Ottubru 1998 il-partijiet amplifikaw fuq dak li kitbu. Kull parti kkummentat fuq dak li qalet il-parti l-ohra. Il-Union sostniet li l-ahhar paragrafu jifforma parti mid-decizjoni tat-Tribunal.

4. Wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet it-Tribunal :

a) jiddikjara li l-ahhar paragrafu ta' Decizjoni Nru. 943 jifforma parti integrali mill-imsemmija Decizjoni u li l-uzu tal-kelma "jistenna" flok il-kelma "jordna" kien intiz biss biex jaghti latitudini zghira lill-kumpanija fit-tqassim tas-sahra f'limiti ta' "fairness".

b) jispjega li galadarba iz-zewg impjegati in kwistjoni huma eskluzi milli jaghmlu xoghol ta' skorta, kemm lokali u kemm barra minn Malta, sahra li tirrizulta direttament minn xoghol ta' skorta hi wkoll eskluza u m'ghandhiex tigi maghduda ma' sahra ohra ghall-fini tat-tqassim ekwu ta' sahra msemmi f'Decizjoni Nru. 943; u

c) ghal skop ta' kjarifika tal-paragrafu precedenti jiddikjara li sahra li tkun tinhtieg minhabba s-sostituzzjoni ta' Security Guards assenjati xoghol ta' skorta ghandha tigi maghduda ghal fini ta' tqassim ekwu ta' sahra.

--------------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

------------------
**Alfred Buhagiar**
**MEMBRU**

------------------
**Joseph G. Vassallo**
**MEMRBU**

-----------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**
mrg